MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Numru. 386/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Joseph Portelli Demajo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Joseph Portelli Demajo ta' 50 sena iben Joseph u Lucia nee' Demajo, mwieled il-Hamrun fis-17 ta' Gunju 1951, residenti 26/7 Triq Merkanti, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 502551 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fit-22 ta' Lulju 1999, jew f' xi zmien qabel, f' dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal pubbliku, b'abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu iffalsifika cedula, polza, ordni, jew

dokumenti ohra relatati mir-rilaxx mid-Dwana ta' merkanzija fosthom Osteocare tabs u Menopace caps, illi meta jigu prezentati wiehed seta' jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern. Jew aktar, xjentement ghamel uzu minn dawn il-karti jew dokumenti. Bi ksur ta' l-artikli 167, 168 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess cirkustanzi, iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw l-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' propjeta' pubblika, jew li kienu qieghdin taht il-kustodja pubblika. Bi ksur ta' l-artiklu 172 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess cirkustanzi, bhala Ufficjal jew impjegat pubbliku illi,fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b' firem foloz, jew b' tibdil f' atti, fi skritturi, jew f' firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b' kitba maghmula jew imnizzla f' registri jew f' atti pubblici ohra, wara li dawn kienu ga iffurmati jew maghluqa. Bi ksur ta' l-artiklu 179 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess cirkustanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, waqt li kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkustanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi iddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li mhumiex. Bi ksur ta' l-artikli 180 u 182 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess cirkustanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba il-kariga jew impjieg tieghu huwa fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta' dikjarazzjoni falza jew certifikat falz. Bi ksur ta' l-artiklu 185 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fl-istess cirkustanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz. Bi ksur ta' l-artiklu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew issottometta dokument jew informazzjoni li, bid-dehen tieghu kienet falza d' dettal sostanzjali, jew b' mod bla kont, ghamel dikjarazzjoni li kienet falza f' detall sostanzjali billi awtorizza lid-Dipartiment tad-Dwana biex jigu rilaxxati oggetti meta dawn l-oggetti ma kellhomx id-dokumenti mehtiega. Il-merkanizija in kwestjoni, li kellha valur ta' Lm107, kienet  Osteocare tabs u Menopace caps li sussegwentement b' din l-awtorizazzjoni, giet rilaxxata mid-Dwana bid-dokumenti tad-Dwana R61717. Dan bi ksur ta' l-Artiklu 62 (e) (h) (k) (m) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Gunju 2001 (esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2001 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda l-importazzjoni ta' zewg prodotti bl-isem ta' Osteocare Tabs u Menopace Caps li saret fil-21 ta Lulju 1999 minn Surgiquip Limited fejn qed jigi allegat li dawn il-prodotti gew klerjati mill-imputat, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Senior Medical Officer fil-Port Health Office, minghajr ma gie prezentat CPP (Certificate of Pharmaceutical Products) riferibbli ghall-

imsemmija zewg prodotti kif kienu jirrikjedu ir–regolamenti tad-Dwana ta' dak iz-zmien sabiex prodotti medicinali ikunu jistghu jigu importanti hawn Malta u rilaxxjati mid-Dipartiment tad-Dwana. Mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Cordina jirrizulta li l-investigazzjonijiet f'dan il-kaz kienu saru mill-ex-Spettur Ivan Portelli (dan tal-ahhar baqa' qatt ma xehed fil-proceduri odjerni) u fil-fatt gie esebit rapport (inserit a fol. 17 tal-atti processwali) allegatament imhejji mill-ex-Spettur Ivan Portelli (qed jinghad allegatament imhejji ghaliex dan qatt ma xehed quddiem din il-Qorti u qatt ma kkonferma li r-rapport gie imhejji minnu) fejn hemm elenkat dak li rrizulta lill-ex-Spettur Ivan Portelli u x' wasslu sabiex johrog l-akkuzi odjerni fil-konfronti tal-imputat. Minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat fil-kwallita' tieghu ta' Port Health Officer gie muri fattura ta' sensiela ta' prodotti li kienu qed jigu importati minn Surgiquip Limited, liema lista kienet tikkomprendi erbatax-il item u fost dawn l-items kien hemm il-prodotti Osteocare u Menopace, u dan irrilaxxja dawn iz-zewg prodotti minghajr ma gie muri CPP Certificate riferibbli ghalihom. Il-Prosekuzzjoni fl-imsemmi rapport qed tallega wkoll li minn ezami tar-records tal-Port Health Office kien jirrizulta li l-imputat ghamel notament li c-certifikati relattivi rigwardanti dawn iz-zewg prodotti kienu gew prezentati lilu meta d-diretturi ta' Surgiquip Limited Mario Debono u Joseph Saliba kienu kkonfermaw lil Pulizija li huma qatt ma  prezentaw CPP certificate lid-Dwana in kwantu jirrigwarda dawn iz-zewg prodotti.

Illi fil-proceduri odjerni l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta r-reati ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, falsifikazzjoni ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern u dokumenti pubblici, kif ukoll ir-reat ta' uzu ta' dokument iffalsifikat, falsifikazzjoni ta' sigilli jew firem, falsifikazzjoni ta' att minn ufficjal pubbliku, bir-reat ta' tibdil b'qerq f'att pubbliku, bir-reat ta' ghoti  ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz, bir-reat tal-ghoti ta' dikjarazzjoni falza lil awtorita' pubblika kif ukoll bir-reat kontemplat fl-Artikoli 62(e)(h)(k) u (m) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew issottemetta dokument jew informazzjoni falza lid-Dipartiment tad-Dwana.

Irid jinghad mill-ewwel li l-ebda wahda mill-imsemmija akkuzi ma tirrizulta remotament pruvata fis-sens illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz in sostenn tal-akkuzi minnhom imressqa huma tista' tghid inezistenti. F'dawn il-proceduri fil-fatt la xehed l-ufficjal investigattiv, u cioe' l-Ispettur Ivan Portelli, la gew prodotti d-dokumenti originali tad-Dwana li fuqhom allegatament saret l-annotazzjoni mill-imputat (jew almenu vera kopja tal-istess dokumenti), u l-anqas tela' rapprezentant tad-Dipartiment tad-Dwana sabiex jipproduci kopja tal-file relattiv u sabiex jispjega l-fatti. F'dawn il-proceduri xehed biss Joseph Saliba li huwa direttur tal-kumpanija Surgiquip li qal li l-prodotti Osteocare u Menopace m'humiex medicinali izda huma biss food supplements u li ghalhekk dawn ma kienux jirrikjedu CPP certificate sabiex jigu riaxxjati mid-Dwana.

Illi dan il-fatt gie konfermat mill-imputat meta huwa xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-25 ta' Lulju 2008 fejn spjega l-proceduri addottati mid-Dwana fiz-zmien in dizamina u fejn spjega wkoll id-differenza bejn prodotti medicinali fejn kien necessarju CPP Certificate sabiex dawn il-prodotti jigu mportati u rilaxxjati mid-Dwana u food supplements fejn ma kienx rikjest tali certifikat.

Il-Qorti jidrilha li f'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova li saret xi falsifikazzjoni jew dikjarazzjoni falza mill-imputat stante li kif diga' inghad aktar 'il fuq ma giex prodott id-dokument allegatament falsifikat jew li fih saret id-dikjarazzjoni allegatament falza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------